# L-Ewwel Isqfijiet ta' Malta
## *(It-Tieni Parti)*

**Mario Fenech**

Ser inkompli fejn ħallejt bl-artiklu tiegħi tas-sena li għaddiet fejn tajt ħarsa mill-qrib lejn l-isqfijiet li kienu mexxew lil Malta fl-ewwel snin tat-twaqqif tad-Djoċesi. L-aħħar isqof li kont ktibt dwaru kien Mons Traiano li kien minn Veleria fi Provinċja tal-Abruzzo fl-Italja.

Fil-kitba li minnha qiegħed nislet dan it-tagħrif insibu perjodu li fih ma jissemma l-ebda isqof. Nafu iżda li wara snin ta' taqlib kbir f'Malta kien wasal il-Konti Ruġġieru fis-sena 1090. Permezz tal-istess Konti Ruġġieru kien ġie nominat isqof ċertu Dun Gualtieri. Dan il-Konti Ruġġieru kien jaf sew lill-Qdusija Tiegħu il-Papa Urbanu li għalhekk kien ħatar lil dan l-isqof għal Malta fuq l-intervent tiegħu. L-isqof kien jgħix Ruma.

Ħames snin wara fl-1095 meta l-Papa kien għadu Urbanu II, l-isqof ta' Malta jingħad li kien Mons Biraldo li wkoll kien issuġġerit lill-Papa mill-istess Konti Ruġġieru. Hemm min jgħid iżda fil-kitba tiegħu li dan kien l-isqof ta' Mileto f'Reggio Calabria. Dan id-dubju jista' jkun ġej mill-kelma Melivetum kif kienet tissejjaħ Malta fis-snin bikrin, allura kelma viċin l-isem ta' Mileto.

Naslu għas-sena 1113 meta l-isqof ta' Malta kien Mons Giovanni, maħtur mill-Papa Pasquale II. Dan il-Papa kien ikkonferma l-istatut tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Ġerusalemm.

Hemm dubju dwar l-isqof li jissemma wara. Dan kien Mons Rainaldo. Ma jissemma minn l-ebda storiku ħlief wieħed li huwa l-Konti Ciantar. Dan jgħid li l-bolla ta' dan l-isqof ħarġet mill-Papa Callisto II fejn jissemma bħal Episcopus Melitensis (isqof Malti).

Fis-sena 1140 l-isqof ta' Malta kien Mons Stefano li nħatar mill-Papa Innoċenzju II. Dan l-isqof niltaqgħu miegħu f'diversi kitbiet, fosthom dik tal-Papa Adrijanu IV li jiddikjara li Malta kienet tagħmel parti mid-djoċesi tal-Arċisqof ta' Palermo. Dan skont il-bolla tad-9 ta' Lulju 1154. Permezz ta' din il-bolla nistgħu nikkonfermaw li fl-antik Malta kienet meqjusa bħala Provinċja ta' Sqallija. F'dik is-sena meta r-Re ta' Sqallija kien Giuglielmo, magħruf bħala *Il Malo* kemm Sqallija kif ukoll Malta kienu taħt il-ħakma tan-Normanni.

Fis-sena 1168, fi żmien il-Pontifikat tal-

Papa Alessandru III insibu isqof ta' Malta lil Mons Giovanni. Kien persuna stmat sew mir-Re Guglielmo, magħruf bħala *Il Buono* peress li kien wieħed mis-segretarji tiegħu. Niltaqgħu mal-firma tiegħu f'għadd ta' kitbiet fosthom dik ta' importanza kbira meta ħareġ id-Digriet dwar it-twaqqif tal-Monasteru ta' Santa Marija f'Arco fis-sena 1212.

Jissemma wara dan l-isqof Mons Ruggiero di Cefalu li kien wieħed mid-dinjitarji tal-Kappella ta' San Pietru tal-Palazz ta' Palermo. Fi żmien din il-ħatra tiegħu f'Palermo l-Papa Innoċenzju IV kien fil-Pontifikat tiegħu, allura qabel is-sena 1253. Dan ifisser li jista' jkun li kien hemm xi isqof ieħor ta' Malta bejn dawn iż-żewġ isqfijiet.

Insibu jmexxi d-Djoċesi ta' Malta fis-sena 1259 lill-isqof Giacomo di Mileto li kien membru tal-Ordni tal-Predikaturi. Inħatar mill-Papa Alessandru IV. Ma damx wisq fil-kariga għaliex kien ġie trasferit għal ta' San Sebastjan fid-29 ta' Mejju tal-istess sena.

L-aħħar isqof li ser insemmi f'dan l-artiklu għal din is-sena huwa Mons Andrea Bancarini li kien mill-istess Ordni tal-Predikaturi. Kien bniedem ta' għerf u duttrina kbira. Kien inħatar isqof ta' Malta mill-Papa Girgor X. Ma nafux kemm dam bħala isqof ta' Malta. Nafu biss li dak ta' warajh jissemma ħamsin sena wara.

Naraw aktar dwar dan, fil-ħarġa ta' dan il-Programm tas-sena d-dieħla.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

